A.L. 86 ta' l-2006

ATT TA' L-2006 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. II TA' L-2006)

Avviż ta' bidu fis-seħħ tat-Taqsima VIII

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 20 ta' l-Att ta' l-2006 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, bi ftehim mal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, stabbilixxa l-1 ta' April, 2006 bħala d-data meta bdew iseħħu d-disposizzjonijiet kollha tat-Taqsima VIII ta' l-imsemmi Att kif relatati ma' l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni.